## 25 ta' Ġunju, 1955

## Imħallef:
## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Micallef

**Offiża — Vjolazzjoni u Difiża tal-Proprjetà — Provokazzjoni — Piena — Art. 241 (b) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Wieħed mill-każi li fihom l-offiża fuq il-persuna titqies gravi hu dak meta l-offiża tkun tali li żżomm l-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu għal tletin ġurnata jew iżjed.*

*F'każijiet simili, hu impellenti li l-ġudikant ikun soddisfatt li din l-inkapaċità għax-xogħol kienet verament u realment teżisti matul il-perijodu kollu rikjest mill-liġi.*

*Fejn il-Liġi Maltija ma jistax jiġi diskuss jekk l-inkapaċità għandhiex tkun assoluta, jew jekk huwiex biżżejjed li tkun tali f'sens individwalistiku u relattiv biss; għax il-liġi stess tiddirimi l-kwistjoni billi tgħid "mix-xogħol tiegħu", jiġifieri "mix-xogħol proprju tal-offiż". L-unika kwistjoni li tista' forsi tkun ammissibbli, fil-każi konkreti, hi dik meta l-offiż ikun wieħed jeżerċita xi okkupazzjoni għal kollox "straordinarja".*

*Jekk il-kontinġenzi tal-każ iħallu xi dubju fondat jekk il-ferita kienetx gravi minħabba dewmien, il-ferita għandha tiġi ritenuta lievi.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tiskuża lil min jikkaġuna offiża lil persuna oħra in difiża tal-proprjetà tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skużabbli, għandha tiżvolġi ruħha dak il-mument stess li tkun qegħda tiġi vjolata l-proprjetà u in difiża attwali tagħha. Jekk meta l-feritur irrenjixxa, il-ferut ġa kien daħal fil-proprjetà tal-feritur, ma hemmx kwistjoni ta' attwalità ta' reżistenza kontra l-vjolazzjoni waqt li qegħda ssir il-vjolazzjoni.*

*Jekk imbagħad il-ferut, wara li jkun daħal b'ardir fi tweġiġ ħadd ieħor, u, wara li jiġi mitlub għal darba tnejn biex joħroġ, jirrispondi lil sid il-proprjetà prepotentement, ikun hemm provokazzjoni gravi da parti tiegħu li għandha tinfluwixxi fuq il-piena.*

Il-Qorti — Rat ir-rinviju tal-Attorney General tas-16

...April 1955, li bih l-attijiet tal-kumpilazzjoni ġew rinviati lill-Qorti *Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta* biex tiddeċidi fuq il-ħtija li tista' tirriżulta kontra l-imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 230 (1) (d), 244 (b), 246 (a), u 383 (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra; u ċjoè ta' offiża gravi skużabbli talli aġixxa taħt l-influwenza immedjata ta' istantanea passjoni;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' April 1955, li biha sabet lill-imputat ħati talli għamel offiża ta' natura *gravi minnabba durata fuq il-persuna ta' Salvu Cilia, iżda* skużabbli talli dak il-ħin l-imputat aġixxa taħt l-influwenza immedjata ta' istantanea passjoni li neħħietlu l-kapaċità li jirrifletti, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erbgħa xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*Tnejn huma d-deduzzjonijiet kontenuti fir-rikors tal-*appell; waħda, illi ma ġiex pruvat li l-leżjoni hi ta' natura gravi "per durata", u għalhekk il-leżjoni għandha titqies ljevi; it-tieni, li hemm l-iskużanti tad-difiża tal-proprjetà, li f'każ ta' offiża ljevi ġġib għall-improċedibbilità tal-azzjoni kriminali (art. 245 (2) Kap. 12);

Dwar l-ewwel motiv;

Wieħed mill-każijiet li fihom l-offiża titqies gravi hu dak meta tkun tali li żżomm l-offiż milli jmur għax-xogħol *tiegħu għal tletin ġurnata jew iżjed. F'każ simili tkun* gravi per "durata". Hekk, f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni qegħedha tiddeduċi l-gravità tal-offiża unikament fuq id-dewmien, u fuq xejn aktar;

Peress li l-offiż jista', bil-ħsieb li jaggrava l-pożizzjoni tal-feritur, ma jmurx għax-xogħol avvolja jkun jista', għalhekk hu impellenti li l-ġudikant f'każijiet simili jkun sodisfatt li din l-inkapaċità għax-xogħol verament u realment kienet teżisti matul il-perijodu rikjest mill-liġi;

Taħt il-Liġi Maltija, ma jistax jiġi diskuss jekk l-inkapaċità għandhiex tkun assoluta jew jekk hux biżżejjed li tkun tali f'sens *individwalistiku u relattiv biss;* għax il-liġi stess tiddirimi l-kwistjoni billi tgħid "mix-xogħol tiegħu", vwoldiri "x-xogħol proprju tal-offiż". Hekk, fl-eżempju klassiku tal-Carrara (Parte Speciale, Programma, Vol. II, para. 1447), fejn ferita li ġiebet intorpidiment f'saba' ta' mara, ġiet ġudikata gravi għax din il-mara kienet rikamatriċi, mentri l-ferita ma kienetx tkun gravi kieku l-mara kienet gabillotta għax-xogħol tar-raba'. Del resto, il-Liġi Maltija hi konformi għad-dottrina (ara Ziino, Medicina Legale e Giurisprudenza *Medica*, Vol. *II*, para. *50, p.* 168). Il-ġurisprudenza franċiża hi diversa, għax jeħtieġ li l-offiż ikun "incapable de tout travail personel ......"; però, kif ingħad, il-Liġi Maltija hi ċara, u tadotta "expressis verbis" il-kriterju individwali u relattiv bil-kelma "tiegħu". L-unika kwistjoni li tista' forsi tkun ammissibbli, fil-każijiet kongruwi, hi dik prospettata mil-Carrara (ibid. nota (1), p. 163), meta l-offiż ikun qiegħed jeżerċita xi okkupazzjoni għal kollox "straordinarja":

Għalhekk, fil-każ preżenti, *ix-xogħol li għandu jitqies* hu dak proprju tal-offiż, ċjoè ta' "stevedore";

Il-ferita ġiet inferta fit-22 ta' Novembru 1954. Il-ferut xehed, fol. 8 tergo, li hu beda jaħdem wara l-ewwel tas-sena;

Il-pont hu — anki jekk hu veru li beda jaħdem wara l-ewwel tas-sena, jekk ġiex pruvat li verament ma "setgħax jaħdem" qabel ma għaddew almenu tletin ġurnata mill-feriment; għax il-Prosekuzzjoni, bl-istess mod li jeħtieġ li tipprova l-fatt tal-feriment, jeħtieġ ukoll li tipprova x-xorta tal-ferita;

Issa, it-tabib li rrilaxxja ċ-ċertifikat eżamina lill-ferut dak inhar li ġie msawwat mill-appellant (22.11.54), u mbgħad reġa eżaminah, kif qal fix-xhieda tiegħu fol. 14 tergo, "wara xi erbgħein ġurnata" — probabbilment wara aktar, għax iċ-ċertifikat fol. 3 iġib id-data tal-14 ta' Jannar 1955. Minn dan jiġi li t-tabib seta' jgħid li f'dik il-ġurnata (40 ġurnata wara) l-inkapaċità ma kienetx teżisti aktar;

imma ma setgħax jgħid jekk kienetx teżisti jew le fit-30 ġurnata, għax allura ma eżaminahx. Vwoldiri, fir-rifert mediku hemm lakuna perikoluża; *jista' jkun li*, kieku t-tabib eżamina lill-pazjent fit-tletin (30) ġurnata, kien isib li l-inkapaċità diġà kienet spiċċat. Issa, dan id-dubju, li hu ġa "per se" qawwi, jikber meta wieħed jagħmel dawn ir-riflessjonijiet: —

1. Dan ma hux każ fejn it-tabib jgħid li ferita simili ma tistax, obbjettivament u normalment, tfieq fi żmien ta' tletin ġurnata, u li teħtieġ għall-kura tagħha perijodu aktar twil. Meta t-tabib jgħid hekk, dan hu ċertament konferma tax-xhieda tal-offiż. Mhux talli ma qalx hekk it-tabib, fil-każ in ispeċje, imma anzi qal il-kuntrarju. Infatti qal hekk: — "........... normalment leżjoni simili tfieq minn tliet ġimgħat sa erbgħa, u għalhekk anki qabel tletin ġurnata kien kapaċi għal xogħol ħafif". Meta, fil-latitudini ndikata għall-fejqan normali, il-pazjent f'dan il-każ seta', fi żmien tliet ġimgħat jew 21 ġurnata, ikun kapaċi għal xogħol ħafif — u sa hawn l-offiża kienet tibqa' gravi, għax ix-xogħol tal-ferut mhux ħafif; imma seta' wkoll, fid-disa' (9) tijiem li kienu jibqgħu għall-kompiment tal-perijodu ta' 30 ġurnata, ikun kapaċi anki għax-xogħol tiegħu normali;

2. Langas ma hu l-każ li fih it-tabib jew il-pazjent, "per incuriam", ma għamlux mod li jiġi kondott eżami meta waslet l-aħħar ġurnata tal-perijodu. Infatti, it-tabib xehed li hu bagħat għall-ferut biex jarah qabel ma għaddew 40 ġurnata, u l-ferut ma marx. Seta' kellu raġun biex ma jmurx;

3. Hemm indizju qawwi li l-ferut kien inklinat li jippeġġjora l-pożizzjoni tal-imputat; għax, dejjem skond ix-xhieda tat-tabib, meta dan eżaminah wara li għaddew xi 40 ġurnata, il-ferut qallu li kien għad għandu xi ftit uġigħ, mentri t-tabib ma sablu xejn, u sab li kien kapaċi għax-xogħol tiegħu;

F'dawn il-kontinġenzi hemm dubju fondat jekk il-ferita kienetx gravi minħabba dewmien, u għalhekk għandha tiġi ritenuta ljevi, peress li skond il-provi, ċjoè

skond l-attestat mediku, ma hemm ebda motiv ieħor ta' gravità ħlief id-dewmien, u dan ma ġiex soddisfaċentement pruvat;

Dwar it-tieni argument defensjonali;

Apparti l-kwistjonijiet li diversament kien jeħtieġ li jiġu affrontati, ċjoè jekk din l-għalqa hjiiex kompriża fil-lokuzzjoni tal-postijiet li jsemmi l-art. 241 (b) "nominatim", u jekk fil-każ hemmx skalata jew ksur, kif donnu jidher li hemm bżonn li jkun hemm fit-termini tal-istess dispożizzjoni, hu ċert li dik id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skużabbli, għandha tiżvolġi ruħha dak il-mument stess li tkun qegħedha tiġi nvaża l-proprjetà in difeża attwali tagħha. Tant ifisru l-kliem "........ fil-waqt li wieħed bi nhar ikun qiegħed jirreżisti biex ma jsallix l-iskalata jew il-ksur ...........";

Hi f'lokha l-lokuzzjoni użata mill-Kummissjoni tal-Kamra Elettiva Taljana fl-okkażjoni tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali Taljan tal-1887, para. CCXX, meta ġiet kunsidrata attenwanti simili, illi "........... la reazione è giustificata soltanto quando si verifica nell'attualità dell'attacco";

Issa, fil-każ partikulari, meta l-imputat irreaġixxa, il-ferut kien ġa daħal fl-għalqa, u għalhekk ma kienx hemm kwistjoni ta' attwalità ta' reżistenza kontra l-vjolazzjoni tal-proprjetà waqt li qeda ssir il-vjolazzjoni;

Ikkunsidrat;

L-Attorney General, fir-rinviju tiegħu, ikkonċeda lill-imputat, u l-Ewwel Qorti tagħtu, il-benefiċċju tal-iskużanti tal-passjoni. Issa, li ġiet eskluża n-natura gravi tal-offiża, jiġi li, skond l-art. 244 (b) u l-art. 246 (c) kombinati, il-il-piena hi tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn xahar, jew multa, jew pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Kif ingħad, il-provokazzjoni ġiet konċessa lill-appellant mill-istess Prosekuzzjoni;

Issa, din il-provokazzjoni kienet qawwija, għax fatt hu li l-ferut daħal, b'ardir, ġo ħwejjeġ l-imputat; mhux biss, imma meta dan għal darba tnejn qallu biex joħroġ, dak u sieħbu rrispondew prepotentement bi kliem oxxen u bi xħit ta' ġebel;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tilqa' l-appell, fis-sens biss li tiddikjara l-imputat ħati, mhux ta' offiża volontarja fuq il-persuna ta' xorta gravi, imma ta' offiża volontarja lievi, skużabbli minħabba l-provokazzjoni; u minflok il-piena lilu nflitta, tikkundannah għall-multa ta' £15, titħallas f'żewġ rati ugwali, l-ewwel pagament isir żmien xahar mil-lum, u t-tieni xahrejn mill-għeluq ta' l-ewwel terminu.